**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Lulju 2021.

**Rikors Guramentat Nru: 256/2020 AGV**

**AB gja C**

**vs**

**DC**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 30 ta' Dicembru, 2020 fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat:

1. Illi hija u l-konvenut kienu zzewgu fit-13 ta' Lulju, 2002.

2. Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tliet itfal, u cioe' E illi twieldet fis-6 ta' Ottubru, 2003 (Dok. A) u t-tewmin F u G illi twieldu fl-1 ta' Marzu, 2007 (Dok. B u Dok. C) hawn aktar l-isfel imsejha l-'Minuri'.

3. Illi l-partijiet isseparaw *de facto* f' Ottubru 2012 u legalment fis-26 ta' Lulju, 2013; dan kollu kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni taghhom fl-atti tan-Nutar Dottor Astrid Jo Parnis, li kopja tieghu qeghda tigi hawn esebita u mmarkata Dok. D.

4. Illi z-zwieg bejn il-partijiet nhall minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' decizjoni moghtija fit-30 ta' Marzu, 2017 (Dok. E).

5. Illi l-esponenti zzewget lil HIB fil-5 ta' Dicembru, 2019 (Dok. F) li mieghu kienet ilha tghix, flimkien mal-Minuri, sa minn xi ftit wara li sseparat legalment minn mal-konvenut.

6. Illi l-Minuri illum ghadhom jghixu mal-esponenti u zewgha, HIB

7. Illi, minn mindu hija u l-konvenut isseparaw legalment, hija dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet kollha tal-Minuri, inkluz il-manteniment, l-edukazzjoni u s-sahha taghhom u dan ukoll bil-ghajnuna konsiderevoli ta' zewgha, HIB, sa minn mindu hija bdiet tghix mieghu flimkien mal-Minuri ftit wara li hija sseparat legalment minn mal-konvenut sal-gurnata tallum.

8. Illi l-manteniment illi hija rciviet minghand il-konvenut ghall-Minuri minn kemm ilha li sseparat minnu jlahhaq biss ghal ftit mijiet ta' Ewro u fil-fatt il-konvenut ilu snin ma johrog centezmu ghal manteniment ta' uliedu u sahansitra ilu ma jarahom is-snin.

9. Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet '*Il-kura u kustodja tal-Minuri qieghda tigi fdata f'idejn il-Mara b'dan illi d-decizjonijiet important illi jirrigwardjaw is-sahha u l-edukazzjoni tal-Minuri ghandhom jittiehdu mill-partijiet konguntament, salv is-setghat tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) skond il-ligi*'. – klawsola 5 A i tal-kuntratt ta' separazzjoni.

10. Illi kull darba illi l-esponenti jkollha bzonn tiehu decizjoni important li tirrigwarda s-sahha u edukazzjoni tal-Minuri qieghda ssibha difficli li tikkomunika u tottjeni l-kunsens tal-konvenut; dan ghad-detriment tal-istess Minuri.

11. Illi fil-5 ta' Frar, 2020 l-esponenti tablet illi tigi moghtija l-awtorizazzjoni necessarja sabiex tkun tista' tagixxi gudizzjarjament sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata b' mod assolut lilha nkluz ukoll ghar-rigward ta' kull kwistjoni ohra ancillari u konsegwenzjali, inkluz tibdil fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi fejn dan jirrigwarda l-minuri, previa l-procedura kontemplata fir-regolament 9 tal-Avviz Legali 397/2003.

12. Illi permezz ta' digriet moghti fit-2 ta' Novembru, 2020 din l-Onorabbli Qorti ddikjarat li l-medjazzjoni hija maghluqa u awtorizzat lill-partijiet jipprocedu b' kawza u dan fit-termini mposti mill-ligi (Dok. G).

13. Illi ghalhekk l-esponenti qieghda tipprocedi b' din il-kawza.

14. Illi l-esponenti tiddikjara li tar personalement bil-fatti kif fuq esposti.

**Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett kollu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:**

1. Tafda l-kura u kustodja tal-imsemmija uliedha u ulied il-konvenut u cioe' il-minuri E, F u G, ahwa C, b' mod unikament, assolut u esklussiv f' idejha u ad eskluzjoni tal-konvenut u b' dan illi hija tkun awtorizzata tieghu wahidha u minghajr il-kunsens u/jew l-approvazzjoni tal-konvenut kwalunkwe decizjoni li tirrigwarda l-minuri inkluz dwar is-safar, is-sahha u l-edukazzjoni taghhom.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, naqas milli jippresenta risposta entro t-terminu skond il-ligi, u ghalhekk gie dikjarat kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-attrici qed titlob li tigi fdata bil-kura w kustodja tat-tlitt itfal li kellhom il-partijiet bejniethom fiz-zwieg. Il-partijiet illum huma separate permezz ta' kuntratt datat 26 ta' Lulju, 2013, u divorzjati b'sentenza datata 30 ta' Marzu 2017. Illi sfortunatament huwa indikattiv ferm li l-konvenut la attenda ghal-laqghat ta'

nedjazzjoni, kif jirrisulta mill-atti tal-istess hawn annessi ma' dawn il-proceduri, u sahansitra lanqas wiegeb ghal din il-kawza, meta l-Qorti qed tittratta l-kura w kustodja ta' wliedu. Il-fatti li xehdet fuqhom l-attrici ma gewx kontradetti, u ghalhekk il-Qorti tqishom bhala fatti ppruvati. Jidher li l-konvenut huwa nieqes mill-hajja ta' wliedu, u ghalhekk jkun fl-interess tal-istess minuri li l-kura w kustodja taghhom tigi fdata f'idejn ommhom ad eskluzjoni ta' missierhom, biex l-attrici tkun tista' tiehu wehidha d-decizjonijiet kollha li ghandha tiehu fl-interess suprem tal-minuri.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talba attrici, u konsegwentement-

> Tafda l-kura u kustodja tal-imsemmija uliedha u ulied il-konvenut u cioe' il-minuri E , F u G, ahwa B, b' mod unikament, assolut u esklussiv f' idejha u ad eskluzjoni tal-konvenut u b' dan illi hija tkun awtorizzata tieghu wahidha u minghajr il-kunsens u/jew l-approvazzjoni tal-konvenut kwalunkwe decizjoni li tirrigwarda l-minuri inkluz dwar is-safar, is-sahha u l-edukazzjoni taghhom.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**